# MINUTI TA' L-IFFIRMAR
# TAL-KONVENZJONI
# DWAR L-ADEŻJONI TAR-REPUBBLIKA ĊEKA, IR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA, IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU, IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA, IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA, IR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA, IR-REPUBBLIKA TA' MALTA, IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA, IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA U R-REPUBBLIKA SLOVAKKA
# MAL-KONVENZJONI
# DWAR L-ELIMINAZZJONI TAT-TAXXA DOPPJA IN KONNESSJONI MA' L-AĠĠUSTAMENT TAL-QLIGĦ TA' INTRAPRIŻI ASSOĊJATI

Il-Plenipotenzjarji tar-Renju tal-Belġju, tar-Repubblika Ċeka, tar-Renju tad-Danimarka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, tar-Repubblika Ellenika, tar-Renju ta' Spanja, tar-Repubblika Franċiża, ta' l-Irlanda, tar-Repubblika Taljana, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Renju ta' l-Olanda, tar-Repubblika ta' l-Awstrija, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika Portugiża, tar-Repubblika tas-Slovenja, tar-Repubblika Slovakka, tar-Repubblika tal-Finlandja, tar-Renju ta' l-Isvezja u tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, fit-08/12/2004 fi Brussel, iffirmaw il-Konvenzjoni dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka mal-Konvenzjoni dwar l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja in konnessjoni ma' l-aġġustament tal-qligħ ta' intrapriżi assoċjati.

F'din l-okkażjoni ħadu nota tad-Dikjarazzjonijiet unilaterali li ġejjin:

I. Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni dwar l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja in konnessjoni ma' l-aġġustament tal-qligħ ta' intrapriżi assoċjati

Dikjarazzjoni mill-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Latvja, l-Ungerija, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovakkja u s-Slovenja dwar l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni dwar l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja in konnessjoni ma' l-aġġustament tal-qligħ ta' intrapriżi assoċjati

Il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Latvja, l-Ungerija, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovakkja u s-Slovenja jiddikjaraw li ser japplikaw l-Artikolu 7(3).

II. Dikjarazzjonijiet dwar l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni dwar l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja in konnessjoni ma' l-aġġustament tal-qligħ ta' intrapriżi assoċjati:

1. Dikjarazzjoni mir-Repubblika ta' Ċipru:

It-terminu "piena serja" jinkludi pieni għal:

(a) min bil-qerq jew b'intenzjoni jagħmel jew jissottometti rendikont, prospett, dokument jew dikjarazzjoni falz/a rigward l-*income* jew rigward pretensjonijet għal kwalunkwe sussidji jew tnaqqis;

(b) min bil-qerq jew b'intenzjoni jissottometti kontijiet foloz;

(ċ) min jirrifjuta, jonqos milli jew jittraskura li jissottometti prospett tat-taxxa;

(d) min jirrifjuta, jonqos milli jew jittraskura li jżomm rekords xierqa jew li jagħmel dokumenti u rekords disponibbli għal ispezzjoni;

(e) min jgħin, jassisti, jagħti parir, jinċita jew jipperswadi lil xi persuna biex tagħmel, tagħti jew tipprovdi kwalunkwe prospett, rendikont, pretensjoni, kontijiet jew dokument, jew biex iżżomm jew tipprepara kwalunkwe kontijiet jew dokument, li hu jew huma materjalment falz/foloz.

Id-disposizzjonijiet leġislattivi li jiggvernaw il-pieni hawn fuq imsemmija huma inklużi fil-Liġijiet dwar l-Istima u l-Ġbir ta' Taxxi.

2. Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka:

Il-ksur tal-liġijiet tat-taxxa punibbli b'"piena serja" huwa kkostitwit minn kwalunkwe ksur tal-liġijiet tat-taxxa punit bid-detenzjoni, multi kriminali jew amministrattivi. Għal dawn il-finijiet, "ksur tal-liġijiet tat-taxxa" huwa jfisser:

(a) Nuqqas ta' ħlas tat-taxxi imposti, taxxi tas-sigurtà soċjali, taxxi ta' l-assigurazzjoni tas-saħħa u pagamenti mħallsa taħt il-politika statali ta' impjieg;

(b) Evażjoni tat-taxxa jew ta' ħlas simili;

(ċ) Nuqqas ta' twettiq ta' l-obbligu ta' notifika.

3. Dikjarazzjoni mir-Repubblika ta' l-Estonja:

It-terminu "piena serja" ser ikun interpretat bħala li jfisser pieni kriminali għal frodi fiskali skond il-liġi domestika Estona (Kodiċi Penali).

4. Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ellenika:

Id-definizzjoni ta' piena serja pprovduta mir-Repubblika Ellenika fl-1990 tinbidel hawnhekk b'li ġej:

"It-terminu "piena serja" jinkludi pieni amministrattivi għal ksur serju tal-liġijiet tat-taxxa, kif ukoll pieni kriminali għal reati magħmula fir-rigward tal-liġijiet tat-taxxa skond id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi tal-Kotba u tar-Reġistri, tal-Kodiċi tat-Taxxa fuq l-*Income*, kif ukoll disposizzjonijiet speċifiċi li jiddefinixxu l-pieni amministrattivi u kriminali fil-liġi tat-taxxa."

5. Dikjarazzjoni mir-Repubblika ta' l-Ungerija:

It-terminu "piena serja" jfisser pieni kriminali stabbiliti fir-rigward ta' reati kriminali dwar it-taxxa, jew pieni kriminali fir-rigward ta' evażjoni tat-taxxa fejn l-ammont huwa iżjed minn HUF 50 miljun.

6. Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Latvja:

It-terminu "pieni serji" jfisser pieni amministrattivi għal ksur serju tal-liġi tat-taxxa, kif ukoll pieni kriminali.

7. Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Litwanja:

It-terminu "pieni serji" jinkludi pieni kriminali u pieni amministrattivi bħal pieni għal nuqqas ta' bonafidi jew għal resistenza għal ispezzjoni fiskali.

8. Dikjarazzjoni mir-Repubblika ta' Malta:

It-terminu "piena serja" jfisser piena, kemm amministrattiva jew kriminali, imposta fuq persuna li bir-rieda bl-intenzjoni li tevadi t-taxxi jew li tgħin kwalunkwe persuna oħra tevadi t-taxxi:

(a) jommetti fi prospett jew fi kwalunkwe dokument jew dikjarazzjoni oħra magħmula, ippreparata jew sottomessa għall-finijiet ta' jew skond l-Atti dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, kwalunkwe *income* li għandu jkun inkluż hemm; jew

(b) tagħmel dikjarazzjoni jew partita falza fi kwalunkwe prospett jew dokument ieħor jew dikjarazzjoni oħra ppreparati jew sottomessi għall-finijiet ta' jew skond l-Atti dwar it-Taxxa fuq l-*Income*; jew

(ċ) tagħti risposta falza, kemm verbalment jew bil-miktub, għal kwalunkwe mistoqsija jew talba għal informazzjoni mitluba jew magħmula skond id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxa fuq l-*Income*; jew

(d) tipprepara jew iżżomm jew tawtorizza l-preparazzjoni jew iż-żamma ta' kwalunkwe ktieb tal-kontijiet falz jew reġistri oħra jew tiffalsifika jew tawtorizza l-falsifikazzjoni ta' kwalunkwe ktieb tal-kontijiet jew reġistri; jew

(e) tagħmel użu minn kwalunkwe frodi, qerq jew tidwir hu x'inhu, jew tawtorizza l-użu ta' kwalunkwe tali frodi, qerq jew tidwir.

9. Dikjarazzjoni mir-Renju ta' l-Olanda:

Id-definizzjoni ta' "piena serja" pprovduta mir-Renju ta' l-Olanda fl-1990 tinbidel hawnhekk b'li ġej:

"It-terminu "piena serja" jfisser piena imposta minn qorti minħabba reat magħmul b'intenzjoni kif elenkat fl-Artikolu 68(2), jew l-Artikolu 69(1), jew (2), ta' l-Att Ġenerali dwar it-Taxxa."

10. Dikjarazzjoni mir-Repubblika Portugiża:

Id-definizzjoni ta' "piena serja" pprovduta mir-Repubblika tal-Portugall fl-1990 tinbidel hawnhekk b'li ġej:

"It-terminu "pieni serji" jinkludi pieni kriminali kif ukoll pieni amministrattivi applikabbli għal ksur tal-liġijiet tat-taxxa definit mil-liġi bħala serju jew magħmul bl-intenzjoni ta' frodi."

11. Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Polonja:

It-terminu "piena serja" jfisser piena ta' multa, piena ta' ħabs jew it-tnejn li huma imposti flimkien, jew piena ta' detenzjoni għal ksur tad-disposizzjonijiet tal-liġi tat-taxxa minn min iħallas it-taxxa.

12. Dikjarazzjonijiet mir-Repubblika tas-Slovenja:

Il-kunċett ta' "piena serja" ifisser piena għal kwalunkwe ksur tal-liġijiet tat-taxxa.

13. Dikjarazzjoni mir-Repubblika Slovakka:

It-terminu "piena serja" jfisser it-terminu "multa" għal ksur ta' l-obbligi tat-taxxa mifhuma bħala piż impost skond l-Att ta' Amministrazzjoni tat-Taxxa Nru. 511/1992 ta' Coll. kif emendat, skond liġijiet tat-taxxa pertinenti jew l-Att dwar il-Kontabilità u t-terminu "piena" jfisser piena imposta skond il-Kodiċi Kriminali għal reati kriminali magħmula in konnessjoni mal-ksur tal-liġijiet hawn fuq imsemmija.